2. **<u>It-tieni aggravju</u>**, li bih jiġi sostnut li l-Qorti Ġenerali li ppronunzjat id-digriet ikkontestat, meta ddikjarat inammissibbli r-rappreżentanza tas-sitt rikorrent quddiemha, l-avukat Christos Papasotiriou, u dan għaliex "is-sitt rikorrent *[…] ma għamilx użu <u>mis-servizzi ta' avukat, terz</u>, **biex jirrappreżentah**, iżda aġixxa f'ismu stess, billi ffirma r-rikors huwa stess u billi bbaża ruħu fuq l-istatus tiegħu ta' avukat abbażi tad-dokument ta' leġittimazzjoni msemmi fl-Artikolu 51(2) tar-Regoli tal-Proċedura […]*", wettqet interpretazzjoni żbaljata, *contra legem*, tad-dispożizzjoni li tinsab fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u kisret l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipju ta' proporzjonalità, kif ukoll tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni stabbiliti biex jiżguraw dan il-prinċipju.

---

([1]) Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu (ĠU 2019, L 188, p. 67).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal correctionnel de Bordeaux (Franza) fl-20 ta' Frar 2020 – Procureur de la République vs ENR Grenelle Habitat SARL, EP, FQ**

**(Kawża C-88/20)**

(2020/C 161/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal correctionnel de Bordeaux

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Procureur de la République

*Konvenuti:* ENR Grenelle Habitat SARL, EP, FQ

**Domandi preliminari**

1 L-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem relatata ma' dan, jipprekludi kumulu ta' proċeduri kriminali u amministrattivi ta' natura kriminali li jkollhom bħala suġġett fatt materjali uniku (telefonati mhux mitluba) b'azzjoni kriminali taħt żewġ klassifikazzjonijiet differenti?

2) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv, li jimplika proċedura kriminali waħda għall-istess fatt, l-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi l-prinċipji ta' legalità u ta' proporzjonalità tar-reati u tal-pieni, interpretat fid-dawl tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem relatata ma' dan, ma jeżiġix li l-kundizzjonijiet u l-kriterji għal proċedura waħda jkunu ddefiniti minn qabel, b'teħid inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, tal-gravità tal-ksur?

3) Jekk tingħata risposta fin-negattiv, li jimplika kumulu ta' proċeduri kriminali, l-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi l-prinċipji ta' legalità u ta' proporzjonalità tar-reati u tal-pieni, interpretat fid-dawl tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem relatata ma' dan, ma jeżiġix li dan il-kumulu ta' proċeduri kriminali u amministrattivi ta' natura kriminali għal fatt materjali uniku (telefonati mhux mitluba) jiġi limitat għall-każijiet l-iktar serji u, f'dan il-każ, li l-kriterji ta' gravità jiġu ddefiniti minn qabel?

---